MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 25

It-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

PREŻENTI

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja l-Onor. Michael Falzon u l-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Alison Zerafa Civelli kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Beppe Galea kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

L-Onor. Bernice Bonello u l-Onor. Stephen Spiteri kienu skużati.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 24 li saret fid-19 ta' Ottubru 2026 kienu kkonfermati.

RULING MIS-SEDJA

L-Ispeaker ta ruling fuq punt imqajjem tal-Onor. Naomi Cachia imqajjem fis-Seduta 23 tal-Erbgħa, 14 ta' Ottubru 2026 dwar rappurtaġġ fil-media.

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 446 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Anthony Falzon et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 765/2021/LM), deċiża fit-12 ta' Ottubru 2022 u dik tal-Appell datata 12 ta' Ottubru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 447 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Andrew Galea vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 253/2022/LM), deċiża fil-5 ta' Lulju 2023 u dik tal-Appell datata 12 ta' Ottubru 2026,

mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 448 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Damien Debono vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 385/2021/JVC), deċiża fit-13 ta' Marzu 2024 u dik tal-Appell datata 12 ta' Ottubru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

P.L. 449 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Catherine Ciappara vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 835/2021/JVC), deċiża fis-27 ta' Ġunju 2024 u dik tal-Appell datata 12 ta' Ottubru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

P.L. 450 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Maria Anna k/a Marion Grixti vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 170/2024/LM), deċiża fis-16 ta' Lulju 2025 u dik tal-Appell datata 12 ta' Ottubru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 282 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Omar Farrguia, f'isem il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 451 Tabella li turi n-numru totali ta' meters tal-ilma u d-dawl attivi sal-31 ta' Diċembru 2019 u tabella li turi installazzjonijiet ġodda ta' meters tal-ilma u d-dawl għas-snin bejn l-2020 u l-2025 għal-lokalitajiet tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2303;

P.L. 452 Tabelli li juru l-perċentwal tal-konsum nazzjonali tal-elettriku u l-ilma għas-snin bejn l-2020 u l-2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2304;

f'isem il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 453 Tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet għal kategoriji differenti ta' żvilupp f'San Pawl il-Baħar li hemm pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3027;

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 454 Avviż Legali Nru 300 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Varar u l-Użu ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti; u

f'isem il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 455 Screenshot ta' Government Notice 272 li turi l-ħatra ta' membri fil-Bord Editorjali tal-Public Broadcasting Services Ltd datata 13 ta' Ġunju 2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3631; u

P.L. 456 Screenshot ta' Government Notice 1313 li turi l-ħatra ta' membri fil-Bord tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb datata 22 ta' Awwissu 2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3633.

KUMITATI PERMANENTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, President tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, irrapporta li fil-laqgħa tad-19 ta' Ottubru 2026 il-Kumitat approva b'mod unanimu l-Estimi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2027 u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 457 Estimi tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena finanzjarja 2027; u

P.L. 458 Rapport annwali u Stqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2025 tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Huwa rrapporta wkoll li fl-istess laqgħa l-Kumitat approva b'mod unanimu Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' art lill-Malta Basketball Association u qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 459 Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' art f'Ta' Qali lill-Malta Basketball Association flimkien ma' abbozz ta' kuntratt bejn Sports Malta u l-Malta Basketball Association u dokumenti oħra relatati.

MOZZJONIJIET

ESTIMI ĠENERALI 2027 - MOZZJONI TA' PROĊEDURA DWAR ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA - MOZZJONI 66

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, ippropona:

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2027 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a)), din id-Dikjarazzjoni u x-xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 - Interruzzjoni ta' xogħol;

Illi d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta' żmien għad-diskorsi - jew minn xi riżoluzzjonijiet oħra; u

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra:

(l) jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew filgħodu, wara nofsinhar, kif ukoll filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern; u

(2) l-aġġornament ma jitteħidx.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

PERMESS TAL-KAMRA

Bil-permess, il-Kamra għaddiet biex jitressqu żewġ mozzjonijiet mingħajr avviż.

MOZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' ART LIL MALTA BASKETBALL ASSOCIATION - MOZZJONI 69

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona:

Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fuq bażi nazzjonali jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji ġodda għall-isportivi tagħna, din il-Kamra tirrisolvi li permezz ta' Sport Malta, tiġi trasferita lis-segwenti assoċjazzjoni sportiva – Malta Basketball Association - art skont l-abbozz tal-att pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455), permezz ta' titolu ta' ċens.

Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan it-trasferiment.

L-Onor. Fleur Abela ssekondat.

Peress illi din il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu fil-laqgħa 1 tad-19 ta' Ottubru 2026 tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, skont artikolu 31(c) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), l-Ispeaker għadda mill-ewwel biex iqiegħed il-mistoqsija.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

MOZZJONI TA' PROĊEDURA LI TIRREGOLA S-SEDUTI KONNESSI MAL-ESTIMI ĠENERALI GĦAS-SENA 2027 – MOZZJONI 70

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Ian Borg, ippropona:

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġenerali tal-Ispiża għas-sena 2027 u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 2026.

A. Provvedimenti Ġenerali

1. Illi jkunu jistgħu jittieħdu aktar minn seba' seduti għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali fil-Kumitat ta' Provvista (Ordni Permanenti Nru 71(3)(ċ)).

2. Illi l-Kamra tista' tiltaqa' filgħodu, waranofsinhar u filgħaxija fl-istess ġurnata.

3. Illi fil-jiem li fihom isiru d-diskussjonijiet fuq ir-riżoluzzjonijiet tad-diversi Ministeri f'Kumitat ta' Provvista għall-Estimi Ġenerali 2027, il-ħinijiet li fihom għandha tiltaqa' l-Kamra huma kif ġej:

(i) Meta l-Kamra tiltaqa' filgħodu, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs, bl-ewwel nofs għall-Oppożizzjoni u t-tieni nofs għall-Gvern. Id-dibattitu jibda fid-9.00 am u jispiċċa f'nofsinhar. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

(ii) Meta l-Kamra tiltaqa' waranofsinhar, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs, bl-ewwel nofs għall-Oppożizzjoni u t-tieni nofs għall-Gvern. Id-dibattitu jibda f'nofsinhar u jispiċċa fit-3.00pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin

tal-aġġornament ma jitteħidx.

(iii) Meta l-Kamra tiltaqa' filgħaxija, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs, bl-ewwel nofs għall-Oppożizzjoni u t-tieni nofs għall-Gvern. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 pm. Mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 pm. Id-dibattitu jibda fl-4.30 pm u jispiċċa fis-7.30 pm, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

4. Illi l-ħin li jittieħed għal xi sospensjoni waqt id-diskussjonijiet kollha konnessi mal-Estimi Ġenerali 2027 jew l-Estimi Supplimentari 2026, kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, għandu jiżdied mal-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol.

5. Illi minbarra t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt, kemm filgħodu, waranofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

6. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm filgħodu, kemm waranofsinhar u kemm filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern.

7. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2027 jew l-Estimi Supplimentari 2026 kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol. Wara li jgħaddi x-xogħol kollu li jkun jidher fuq l-Aġenda, jitressaq l-Aġġornament u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

8. Illi matul il-perjodu li fih ikunu qed isiru s-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2027, l-Estimi Supplimentari 2026 kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll biex isir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kemm filgħodu, waranofsinhar u anke filgħaxija, kif ikun jidher fuq l-Aġenda.

B. Estimi Ġenerali 2027

1. Illi jkun hemm żewġ seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 2027. L-ewwel seduta minn dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern, u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mil-limiti ta' ħin għad-diskorsi skont l-Ordni Permanenti Nru 49 jew xi riżoluzzjoni oħra. Il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti jkun fit-8.30 pm u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu immedjatament wara. Il-ħin tal-Aġġornament ta' dawn is-seduti ma jitteħidx.

2. Illi fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista:

(i) kull Ministru jressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern u Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

(ii) fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, id-diskussjoni tiġi meqjusa bħala konkluża salv għal xi rikonsiderazzjoni li jista' jipproponi l-Gvern dakinhar jew f'data ulterjuri sabiex jitressqu emendi għal xi riżoluzzjonijiet partikolari; u t-tqegħid tal-mistoqsija fuq ir-riżoluzzjonijiet kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom jiġu posposti għal seduta/i li d-dati tagħhom jiġu deċiżi mill-Gvern, f'liema seduta/i Ministru jista' wkoll iressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni;

(iii) fis-seduta/i allokata/i għar-rikonsiderazzjoni ta' xi riżoluzzjonijiet jew/u għat-teħid tal-votazzjonijiet u l-emendi li jista' jkun hemm għalihom, skont il-paragrafu preċedenti, l-ewwel votazzjoni għandha tittieħed ħames minuti wara li tintalab waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor.

3. Illi l-voti ta' kull Ministeru fil-Kumitat ta' Provvista jistgħu jittieħdu għad-diskussjoni mhux fl-ordni u fid-dati kif jidhru hawn taħt, u iktar minn voti ta' Ministeru wieħed jistgħu jiġu diskussi f'seduta waħda.

Il-ħinijiet u d-dati tad-dibattiti kif indikati fl-iskeda murija hawn taħt jistgħu jinbidlu bi ftehim milħuq fil-Kamra.

DISKORS TAL-BUDGET
It-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2026 fis-6.30 pm

RISPOSTA MILL-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI
It-Tnejn, 2 ta' Novembru 2026 mis-6.30 pm sat-8.30 pm

RISPOSTA MILL-PRIM MINISTRU
It-Tlieta, 3 ta' Novembru 2026 mis-6.30 pm sat-8.30 pm

L-EWWEL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET
L-Erbgħa, 4 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IT-TIENI SEDUTA
MINISTERU GĦAT-TURIŻMU
It-Tnejn, 9 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IT-TIELET SEDUTA
MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI
U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI
It-Tlieta, 10 ta' Novembru 2026 mid-9.00 am sa nofsinhar

IR-RABA' SEDUTA
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IT-TEKNOLOĠIJA U PROĠETTI STRATEĠIĊI
It-Tlieta, 10 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IL-ĦAMES SEDUTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT
L-Erbgħa, 11 ta' Novembru 2026 mid-9.00 am sa nofsinhar

IS-SITT SEDUTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
L-Erbgħa, 11 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IS-SEBA' SEDUTA
MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ
It-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026 mid-9.00 am sa nofsinhar

IT-TMIEN SEDUTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT
It-Tnejn, 16 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

ID-DISA' SEDUTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA
It-Tlieta, 17 ta' Novembru 2026 minn nofsinhar sat-3.00 pm

L-GĦAXAR SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ
It-Tlieta, 17 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IL-ĦDAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA, L-IPPJANAR U X-XOGĦOL
L-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2026 mid-9.00 am sa nofsinhar

IT-TNAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
L-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IT-TLETTAX-IL SEDUTA
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
It-Tnejn, 23 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

L-ERBATAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI
It-Tlieta, 24 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IL-ĦMISTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR
L-Erbgħa, 25 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IS-SITTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI
It-Tnejn, 30 ta' Novembru 2026 mid-9.00 am sa nofsinhar

IS-SBATAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-FINANZI
It-Tnejn, 30 ta' Novembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IT-TMINTAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI
U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR
It-Tlieta, 1 ta' Diċembru 2026 minn nofsinhar sat-3.00 pm

ID-DSATAX-IL SEDUTA
MINISTERU GĦALL-ARTI, IL-KULTURA U L-WIRT NAZZJONALI
It-Tlieta, 1 ta' Diċembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

L-GĦOXRIN SEDUTA
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
L-Erbgħa, 2 ta' Diċembru 2026 mid-9.00 am sa nofsinhar

IL-WIEĦED U GĦOXRIN SEDUTA
MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI
L-Erbgħa, 2 ta' Diċembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

IT-TNEJN U GĦOXRIN SEDUTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U L-PROVVISTA TAL-IKEL
It-Tnejn, 7 ta' Diċembru 2026 mill-4.30 pm sas-7.30 pm

Il-votazzjonijiet fuq ir-Riżoluzzjonijiet u l-Emendi konnessi mal-Estimi,
l-Approprjazzjoni għas-sena 2027 – l-istadji kollha, u
l-Estimi Supplimentari 2026 – l-istadji kollha,
jittieħdu f'seduta/i li d-data tagħhom jiġu deċiżi mill-Gvern skont il-paragrafu B(2)(ii).

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

1. ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR – ABBOZZ NRU 13

Il-Kamra rriżumiet mid-19 ta' Ottubru 2026 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kap. 551, u l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 552, u sabiex jipprovdi għal sospensjoni awtomatika tal-eżekuzzjoni ta' permessi meta jkun hemm appell, għal proċeduri mħaffa, għal emendi konsegwenzjali u għal materji anċillari."

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Clint Azzopardi Flores, l-Onor. Julian Borg, l-Onor. Anthony Agius Decelis u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

Fis-7.00 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jitwal sabiex l-Onor. Mark Anthony Sammut ikompli d-diskors tiegħu fuq dan l-Abbozz ta' Liġi.

Fis-7.01 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda Varji Liġijiet dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar	Tieni Qari (Kont.)
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali	Tieni Qari (Kont.)
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-investiment Dirett Barrani	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi dwar l-Emissjonijiet tal-Metan fis-Settur Upstream taż-Żejt u l-Gass (Miżuri ta' Infurzar)	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji	Tieni Qari
Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji li għandhom x'jaqsmu mas-Servizzi Finanzjarji	Tieni Qari
Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Patrimonju Malta għas-sena finanzjarja 2026	Votazzjoni

---

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi	Kumitat Permanenti
Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji	Kumitat Permanenti

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Toni Bezzina, mill-Onor. Andrew Agius u mill-Onor. Annabelle Cilia.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Toni Bezzina qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 460 *Loneliness Study 2025 – Cycle 3* datat Mejju 2025 ikkompilat minn Research Team magħmul minn Prof. Andrew Azzopardi, Prof. Marilyn Clark, Dr Anna Grech u Prof Liberator Camilleri; u

P.L. 461 Dokument bl-isem *Mija-Mija – Proposti għall-Ħabs, għall-Qasam Soċjali u għall-Qasam tas-Saħħa Mentali* maħruġ mid-Dekan tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, il-Professur Andrew Azzopardi.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ottubru 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER